**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 70/2018*

**Il- Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**
**-vs-**

**Joseph Annati, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 597464M**

Illum, 17 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Annati u ċioè talli:

F' Novembru, Diċembru 2016 u fix-xhur li jiġu immedjatament wara, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula minnhu li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula f'riżoluzzjoni waħda:

1. Wettaq frodi b'egħmil qarrieqi billi b'meżżi kontra l-Liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloż, jew ta' kwalifiki foloż, jew billi inqeda b'qerq ieħor, inġann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenża' ta' intrapriżi foloż, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, biex tagħmel qliegħ għaliħ jew għal persuni oħra, b'valur li jeċċedi l- ħamest elef euro (€ 5,000), għad-dannu ta' Sandro Piscopo u dan bil-ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel xi qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000) u dan bil-ksur tal-Artikolu 310 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Għamel, addatta, provda jew offra li tipprovdi xi oġġett, meta kien jaf li dak l-oġġett huwa ntiż jew adattat biex jintuża fit-twettiq ta jew f'konnessjoni ma frodi, jew bl-intenżjoni li jintuża biex titwettaq frodi jew assista fl-għemil tal-frodi u dan bil-ksur tal-Artikolu 310 BA2 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Iffalsifika ċedola, polża, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jistgħa jirċievi biħom ħlas, jew jieħu kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew raħan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur tal-Artikolu 167 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Għamel falsifikażżjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikażżjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożiżżjonijiet jew obbliġi foloż jew ħelsien minn obbliġi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożiżżjonijiet, obbliġi jew ħelsien minn obbliġi f'dawn l-atti jew skritturi wara li ġew iffurmati, inkella billi żid jew biddel klawsoli, dikjarażżjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bil-ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Xjentement għamel użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falża u dan bil-ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Irrenda riċediv ai termini tal-artikoli 49 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri ħekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza mizmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi t-tieni imputazzjoni nghatat bhala imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi rigward it-tielet u r-raba imputazzjoni japplika l-principju tal-konkors formali tal-pieni, fejn il-pieni huma l-istess.

Is-sitt imputazzjoni kif ukoll it-tielet u r-raba imputazzjonijiet servew ta' mezz ai fini ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-ammissjoni tieghu, liema ammissjoni saret wara l-gheluq tal-kaz tal-prosekuzzjoni, u tal-fedina penali mtappna tieghu. Il-fatti ta' dan il-kaz juru li kienet l-uzura li taghha l-imputat kien vittma, li wasslitu jwettaq dawn ir-reati.

Jinghad bla tlaqliq li ghajnuna ghall-vittmi simili hemm; li tirrendi ruhek kriminal daqs min ikun qed jisfruttak u jisloh kull sold li bl-gharaq ta' gbinek tkun fadalt, mhix soluzzjoni w bl-istess mod m' ghandhiex tigi tolerata jew skuzata.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 31, 49, 50, 167(1), 183, 184, 308, 310(1)(a) u 310BA(2) tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggih taht **ordni ta' probation ghal tlett (3) snin millum**.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn liema trattament ghandu jiffoka fuq dak li wasslu jkun vittma ta' uzura kif ukoll biex jinghata kura idoneja anke bhala vittma taghha.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas l-ammont li ghadu pendenti lil Sandro Piscopo, liema ammont izda ghandu jkun dak maqbul bejn Piscopo u Annati bl-intervent fejjiedi tal-Caritas. Tali ammont ghandu jithallas fi zmien sentejn millum.

Finalment tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dana il-kaz jezistux l-estremi legali li jsawwru, *inter alia*, ir-reati kkontemplati fl-artikolu 298C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fil-konfront tal-istess Sandro Piscopo.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**